# *Infakkru Żewġ Anniversarji marbuta mal-Festa Esterna*

# 1844 – 1919 – 2019

Kitba u Riċerka ta' Jeremy Debono
*B. A. (Hons) History & Dip A. R. M.*

KUMMISSJONI FESTA ESTERNA
SAN ĠUŻEPP – RABAT MDINA
1844 – 2019

Din is-sena jaħbtu żewġ anniversarji importanti ħafna għall-festa ta' San Ġużepp; 175 sena mit-twaqqif tal-Procura dell'Illuminazione fl-1844 u l-100 sena minn meta żżanżan l-armar ta' Triq San Ġużepp. Dawn iż-żewġ anniversarji relatati mal-festa esterna u l-armar ta' Triq San Ġużepp jista' jitqies bħala l-quċċata tal-ħidma kollha li kienet wettqet il-Procura fl-ewwel 75 sena mit-twaqqif tagħha.

Jidher biċ-ċar li sal-1844 il-festa ta' San Ġużepp diġà kellha l-ingredjenti kollha li jiffurmaw festa esterna: mixegħla, armar, mużika u piroteknika. Sa dan iż-żmien kollox kien fir-responsabiltà tal-Prokuratur tal-Artal. Billi s'issa kien żdiet sew l-element estern tal-Festa, il-Fratelli ħassew il-ħtieġa li titwaqqaf Prokura ġdida biex tibda tieħu ħsieb il-Festa Esterna dejjem taħt l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Kien propju nhar l-**14 ta' April 1844,**[1] li fil-Konsulta Ġenerali imlaqqgħa apposta biex issir l-elezzjoni tal-uffiċjali tal-Arċikonfraternità mal-uffiċjali tas-soltu nħatar ukoll is-Sur Paolo Vassallo bħala *Procuratore dell'Illuminazione*.[2] Dan kien it-twaqqif uffiċjali ta' din il-Prokura li minkejja li fuq medda ta' 175 sena bidlet isimha aktar minn darba, il-missjoni tagħha dejjem baqgħet l-istess: dik li tieħu ħsieb il-Festi Esterni ad unur ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina.

## Il-Ħidma tal-Procura l-ġdida sal-1914

Fil-bidu tagħha l-*Procura dell'Illuminazione* ħadet ir-responsabiltà li qabel kienet fuq il-Prokuratur tal-Artal, li tieħu ħsieb il-festa ta' San Ġużepp mill-bieb 'il barra tal-knisja. Dak iż-żmien il-festa ta' San Ġużepp, kienet għadha tiġi ċċelebrata fuq jumejn lejliet u nhar il-festa, iżda mill-1846 beda jiġi ċċelebrat it-Tridu Solenni fil-15, is-16 u s-17 ta' Marzu, b'hekk il-festa twalet għall-ħamest ijiem.[3] Mill-ewwel kont tal-Prokura l-ġdida li sibna, tal-1852,[4] meta kienu Prokuraturi l-Mastrudaxxi aħwa Salvatore u Antonio Muscat, għandna stampa ċara ta' dak li kienet tieħu ħsieb il-Prokura. Il-mixegħla kienet l-akbar spiża li kellhom: żejt 22 skud 8 tari u 18 grani, 15 il-skud xema' mingħand Carmelo Bartoli, kienu għadhom isiru l-fjakkli li għalihom



***Triq San Pawl armata għall-festa madwar l-1875.(ħajr Duminku Micallef.)***

inxtraw ir-raża, ix-xaħam u l-istuppini, kif ukoll 350 tazza taż-żejt li swew 16-il skud 1 tari 4 grani. Il-banda u l-logħob tan-nar kienu żewġ spejjeż konsiderevoli oħra għaliex il-banda fl-1852 swiet 37 skud u 6 tari u l-*Giuoco Artificiale* 20 skud. Fl-1853 Giorgio [sic.] u tifel miegħu *per armare* tħallsu 4 skudi 2 tari 8 grani, waqt li 5 skudi ngħataw bħala rikompens lill-Fratelli li ramaw; dak iż-żmien ma kienx jeżisti l-leave għalhekk jekk wieħed kien iħalli x-xogħol tiegħu biex imur jarma għall-festa kien ser jispiċċa bla paga għall-dawk il-jiem. Spejjeż oħra kienu ilhom isiru sa minn żewġ sekli qabel fosthom għas-sagħtar jew *timo* li kien jinħaraq biex jagħmel ir-riħa tfuħ. Fl-1854 intefqu 2 tari u 8 grani għalih.[5]

Apparti l-illuminazzjoni, il-banda u l-logħob tan-nar kien hemm ukoll l-armar li beda jiżdied. F'għeluq is-sena mit-twaqqif tal-Prokura s-Sur Antonio Portelli rregala *due piramidi di ferro per uso dell'illuminazione*. Dawn kienu żewġ pilandri tal-ħadid li kienu jintramaw quddiem il-knisja. Fl-1854 il-Ħaddied Mro Michele Debono tħallas 2 skudi 4 tari u 16 grani għax-xogħol tat-tiswija fuq xi ħadid u Tanti [sic.] tħallas 5 skudi 11 tari 7 grani spejjeż għall-pilandri u brazzi. L-Arkijiet l-aktar li kienu mogħtija importanza u attenzjoni. F'dawk iż-żminijiet kienu jintramaw żewġ arkijiet kbar fit-triq tal-knisja u fl-1858 sar ieħor għall-fejn Santu Wistin. Kien hemm ukoll l-arkijiet iż-żgħar.[6]

Il-gazzetti tal-epoka jfaħħru ħafna l-festi esterni u allura x-xogħol tal-Prokura. *L'Ordine* tas-27 ta' Marzu 1857 tgħid li *Tutto il subborgo era in gran festa, ornato ovunque di bandiere e la calca del popolo immensa. [ ] La processione fu magnifica, specialmente al suo ingresso nella Chiesa; splendida poi la luminaria della vigilia accompagnata da giuocchi pirotecnici*.[7] L-istess ġurnal nhar it-28 ta' Marzu 1862 jgħid li kien hemm *Molti archi trionfali disposti per le vie; grande brio, popolo immenso*.

Fil-konsulta li saret nhar l-1 ta' Ġunju 1862 intalab biex jikru t-tazzi taż-żejt tal-kulur u bojod biex bil-qligħ jixtru aktar tazzi, isiru l-bnadar u jirranġaw l-Ark iż-żgħir.[8] Fl-istess żmien kien għaddej ix-xogħol biex isiru *ornamenti di ferro, con stemme e trofei*.[9] Sena wara Mro Fortunato Gauci kien qiegħed jiġbor biex isir palk għall-Banda, meta sar xi diskors fuq il-ġbir u l-konsulta ddeċidiet li qabel jagħti rendikont sħiħ jitwaqqaf milli jkompli l-ġbir.[10] Il-kwistjoni ħadet fit-tul; xahar qabel il-festa 1865 kien deċiż li kellhom isiru biss *il solo pavimento e suo contorno*. Dan in-nuqqas ta' ftehim ma jżommx lura *Il-Ġurnal Malti* milli jfaħħar bil-kbir l-armar fit-toroq:

> *Dawk it-triqat kienu bl-aktar semetria kbira mżejnin, linfi mat-triqat, brazzi, żewġ arki trijonfali, wieħed isbaħ mill-ieħor giuogo di fuoco b'sengħa liema bħala, bandi mat-triqat fuq il-palki u bosta ħwejjeġ oħra li impossibbli t'għoddhom ħaġa b'ħaġa*.[11]

Is-sena ta' wara l-kwistjoni ssolviet u l-palk tlesta u ġie mżanżan bil-kbir għax fuqu ndaqq għall-ewwel darba Innu Kbir lil San Ġużepp[12]. Din l-okkażjoni kompliet issebbaħ il-festa li għal din is-sena rnexxiet bil-kbir minn kollox:

> *Esteriormente: brillante e svariata illuminazione in piu strade, oltre quella della chiesa, Archi Trionfali, una eccelente banda musicale, che teneva in brio la serata, un gran fuoco pirotecnico, cielo sereno ed un popolo immenso accorso da piu parti; tutto contribuiva a far riuscire sollenne, imponente e pomposa la festivita. [ ]La processione che dava fine alla solennitá rientro in chiesa in mezzo ad una splendida illuminazione ed un popolo tutto entusiasmato*.[13]

Fil-konsulta tas-17 ta' Ġunju 1866 Mro Fortunato Gauci ta sodisfazzjon sħiħ tal-infiq li sar biex inħadem il-palk tal-banda u b'hekk ġiet fi tmiemha l-kwistjoni. Fl-istess konsulta ingħata l-permess biex jibdew isiru *archi di ferro che ornano il di Festivo di S. Giuseppe le strade circonviene alla Chiesa dei Rev. Padri Minori. Osservanti*.[14]

Fl-1871 minħabba ż-żminijiet koroh li kienet għaddejja minnhom il-Knisja Universali, il-fratelli ddeċidew li l-festa ssir fuq ġewwa u ssir biss il-purċissjoni.[15] Fl-ewwel 25 sena tal-Prokura nsibu li kien hemm ċerti Fratelli li jispikkaw fuq oħrajn fil-kontribut tagħhom. Wieħed irid isemmi lil Aħwa mastrudaxxi Antonio u Salvatore Muscat, Giusto Fsadni, l-Induratur Luigi Vassallo u n-Nutar Pietro Brincat. L-aktar tnejn attivi kienu Giusto Fsadni u Luigi Vassallo. Fsadni għamel b'kollox 48 sena attiv f'din il-Prokura waqt li l-Induratur Vassallo għamel 36 sena. Wieħed għandu jaħseb li l-involviment tagħhom kien ta' kontinwità fil-Prokura kif ukoll minn Induratur wieħed jassumi li kien jagħti pariri artistiċi wkoll fir-rigward tal-festa esterna.

### Il-festa esterna sa tmiem is-Seklu 19: il-Prokuratur Paolo Farrugia

Fl-1870 nħatar bħala wieħed mill-Prokuraturi Paolo Farrugia li baqa' attiv sal-1906; 36 sena sħaħ. Għalkemm dejjem kien hemm fratelli oħra jgħinuh, Farrugia hu importanti għaliex sibna ħafna mill-irċevuti tal-amministrazzjoni tiegħu fuq medda ta' aktar minn 30 sena u minn dawn il-ħlasijiet tidher il-ħidma li kienet qiegħda ssir.[16] Fl-1874 il-ħaddied Vincenzo Bonello kien qiegħed jaħdem *Un Gran Lampadario di ferro peso di 116 rotoli prezzo*

*scelino per rotulo,* ta' dan b'kollox tħallas 69 scudi 7 tari u 8 grani.[17] Dan il-*Gran Lampadario* ma kien xejn ħlief wieħed mill-pilandri l-kbar ta' quddiem il-knisja, li mill-ġurnal *Corriere Mercantile Maltese* tal-21 ta' Marzu 1876 nafu li saru ġodda:

> *Fra le varie belle opere che furono fatte questo anno dobbiamo segnalare le grande piramide disegnate dal giovane signor A[ristide]. Bonnici della Cospicua ed eseguiti da giovani falegnami nostri confratelli sotto la direzione del bravo dilettante G. Sapiano.*[18]

Il-ħaddied Filippo Bonnici ħadem *dodici arcature di ferro da servire per la luminaria nella vigilia* li swew £ 4.10.[19] L-ispiża għall-mixegħla kompliet tielgħa 'l fuq; fl-1875 intefqu 52 scudi 9 tari 12 grani għal sitt caffisi (96 litru) żejt. Biex jarma u jixgħel it-tazzi taż-żejt kien jitqabbad kuntrattur.[20] Il-ħlas medju kien ta' xelin kuljum. Meta wieħed jiftakar id-dalma kbira li kienet taqa' wara nżul ix-xemx ma jistagħġibx li bl-importanza tal-illuminazzjoni għax kienet tiddistingwi dawk il-jiem festivi mill-jiem l-oħra tas-sena. Mhux l-ewwel darba li t-temp ma jippermettix u jkollu jitħassar kollox kif ġara fl-1876 meta lejliet il-festa *stante il cattivo tempo, alla vigilia i preparativi esterni furono quasi inutili.*[21]

Fl-1881 kien lest l-armar ta' Triq San Pawl, mill-pilandri u t-trofej. Fil-fatt insibu li ntalab il-permess mingħand il-Puluzija *per collocare pietre in Sda. San Paolo e Sda. San Giuseppe da rimpetto la casa del Sac. Delicata fino alle Trincee per gli ordigni dell'illuminazione per la festa di San Giuseppe perche non si alteri il livello della Strada.*[22] Dak iż-żmien Triq San Ġużepp kienet tintrama bl-istess armar bħal ta' Triq San Pawl. Billi t-triq qiegħda għan-niżla biex jiġi livellat l-armar kien hemm bżonn li jitqiegħdu ġebliet apposta biex l-armar jiġi f'livell wieħed.

Il-*Ħabbar Malti* għall-sentejn wara xulxin jfaħħar ħafna l-illuminazzjoni u l-armar. Fl-1880 jgħid li *Il-mixegħla rnexxiet wisq, it-triqat kienu ġenna, il-briju u l-ferħ kienu mill-akbar.*[23] Is-sena ta' wara

> *Wara l-għasar saret il-mixegħla f'dawk it-toroq imżejna tant sabiħ u mogħnija din is-sena b'ħafna ħwejjeġ ġodda, fost kollox il-kumplament tal-ħadid tat-triq tal-knisja li kienet tgħaxxaq bi ġmielha u fiha ħarsa minn fuq l-aktar sabiħa, taraha kollha mixgħula ħuġġieġa nar; żiedu ħafna trofej b'pedistalli mżejna kollha ornati.*[24]
>
> *Anki l-ġurnal Risorgimento fl-1882 ifaħħar il-mixegħla u l-armar: Tutte le strade erano addobbate con molta grazia e con oggetti di gran pregio; le luminarie superbe coadiuvate del bellissimo tempo.*[25]

Fl-1882 intalab permess biex triq San Bartilmew tiġi livellata biex jintramaw tnax-il pilandra tal-ħadid u s-sena ta' wara intalab permess biex jintramaw wieħed u għoxrin trofew fl-istess triq.[26] Mro Giusto Fsadni ħa ħsieb iż-żebgħa u d-dekorazzjoni ta' dan l-armar. Anki l-ġurnal *Malta* fl-ewwel deskrizzjoni li ġab tal-festa ta' San Ġużepp tal-1884 jgħid kemm irnexxiet il-mixegħla u l-ġmiel tal-armar; *Belle erano pure le luminarie nelle vie principali, decorate con gusto e garbo.*[27]

Mill-1885 bdiet ukoll tintrama Strada Reale; *Din is-sena barra mis-soltu toroq li jkun hemm imżejnin u illuminati; bi ħsiebhom iżejnu u jilluminaw strada Reale kollha. Għal din it-triq lestew opri wisq sbieħ.*[28] Dan l-armar ġdid inħadem minn Francesco Muscat u kien jikkonsisti f'66 biċċa, li swew £2.10s.[29] Biż-żieda fl-armar żdied ukoll l-ispiża ta' tazzi u ż-żejt. Fl-1891 tqabbdu żewġ kuntratturi biex jixegħlu t-toroq; Salvatore Camilleri u Giuseppe Refalo. Camilleri tħallas ta' *6000 bicchieri, 120 bozze, 4 rozoni, 8 piramide, 2 lavranti, orecchini di vetro* b'kollox £4.18.1. Refalo ta' *5400 bicchieri, 64 rosoni, 6 piramide, 54 globi, 20 bandieri* £ 4; *candele per bande* 2 xelini. Żejt intuża 20 cafisi jew 320 litru li swew 183 scudi.[30]

Waħda mill-aktar għodda importanti dak iż-żmien kienet is-sellum, li kien jintuża kemm għall-armar kif ukoll biex wieħed jitla' jixgħel it-tazzi taż-żejt. Fl-1884 il-mastrudaxxa Simone Vella ħadem erba' slielem tal-injam li swew 14-il skud.[31] Tnax-il sena wara ibnu l-mastrudaxxa Giovanni, ħadem żewġt islielem forċi wieħed b'20 u l-ieħor bi 18-il skaluna li swew £1.6s.0d.[32] Giovanni Vella kien wieħed mill-mastrudaxxi attivi fil-Prokura għal 32 sena bejn l-1880 u l-1912. Nies tas-sengħa bħal Vella, il-mastrudaxxa Salvatore u ibnu Alessandro Muscat u oħrajn kienu jwettqu diversi xogħol importanti għall-Prokura l-aktar biex jieħdu ħsieb l-armar u anki meta jiġu biex jagħmlu l-ġdid.

Hekk fl-aħħar tas-seklu 19 il-Prokura kienet għaddejja b'xogħol kbir kemm fejn għandu x'jaqsam manutenzjoni tal-armar kif ukoll b'armar ġdid. Mro Giuseppe Borg irranġa 4 pilandri tal-ħadid u tħallas £ 0.7.6. Fil-Milied 1896 Giovanni Vella tħallas £4 ta' *manifattura e spese nell arco di vetro che stava vicino la chiesa Doni.*[33] Mro Salvatore Muscat flimkien ma' ibnu Alessandro reġgħu għamlu xogħol ta' tiswija fuq l-Ark il-Kbir u l-Ark ta' Santu Wistin.[34] Giuseppe M. Vassallo rranġa l-palk tal-banda.[35] Wara t-tiswijiet kien hemm bżonn iż-żebgħa; għalhekk Giovanni Vella xtara l-bjankett, *aqua di raggia*, 10 pniezel u mundell ġibs ingliż, waqt li x-xogħol taż-żebgħa sar minn Salvatore

Fsadni li tħallas £0.16.8 ta' 10 t'ijiem xogħol.[36]

## L-armar ta' Triq San Ġużepp sal-1914

Fl-ewwel snin tal-Prokura meta beda jiżdied l-armar għall-festa l-aktar triq li kienet tingħata importantza kienet Triq San Pawl; it-triq tal-knisja. L-armar l-aktar importanti sar għal din it-triq. Wara li għal Triq San Pawl tlesta l-armar tal-pilandri u t-trofej sal-1881 Triq San Ġużepp bdiet tintrama wkoll bl-armar bħal ta' din it-triq. Iżda din it-triq għandha qisien differenti minn ta' Triq San Pawl u għalhekk dan l-armar kien jidher kemxejn żgħir hawn hekk.



*Triq San Ġużepp bl-armar il-ġdid. (ħajr Anthony Casha.)*

## L-istatwa ta' Malta Rebbieħa u l-Anġli

Fl-1899 żdiedu tliet istatwi ġodda tal-kartapesta. Din id-darba għal dan ix-xogħol intgħażel l-istatwarju Belti Vincenzo M. Cremona, li ħadem żewġ anġli bis-simboli ta' San Ġużepp f'idejhom u l-istatwa monumentali ta' Malta Rebbieħa. *Molto ammitati furono due angeli in cartapesta ed un altra statua rappresentante Malta nuovi lavori del sig. Vincenzo Cremona come anche le colonne rispettivi opera di artisti di qui.*[37] Ma nafux min ħadem il-pedestalli għalihom imma kif jgħid il-ġurnal Malta dawn inħadmu minn artisti Rabtin. Probabbilment kienu mdaħħlin f'dan ix-xogħol Salvatore Muscat u Giovanni Vella.

Biex jikkumplimentaw iż-żewġ anġli ta' Cremona nħadmu żewġ anġli oħra simili. S'issa ma nafux l-awtur u lanqas is-sena li fiha nħadmu. Probabbilment li saru fil-bidu tas-seklu 20 minn Carlo Darmanin. Dan għaliex fl-1914 jissemmew f'kont li ġew restawrati mal-istatwi l-oħra Il-pedestalli ta' dawn iż-żewġ Anġli huma partikolari ħafna kemm fl-għamla kif ukoll fl-iskultura tagħhom billi huma magħmulin minn żukklatura u tromba mingħajr kuperċ. It-tromba tistrieħ fuq is-saqajn tal-iljuni li jfakkruk fil-gradenza Maltija li jistgħu jindikaw li min ħadem dawn iż-żewġ pedestalli kien ukoll jaħdem l-għamara. Sfortunatament għad ma għandniex informazzjoni dwar l-artist li ħadem dawn il-pedestalli, iżda kien min kien dan ix-xogħol jibqa' xhieda tal-kapaċità tiegħu.[38]

Fl-14 ta' Lulju, il-Papa Piju X, ħareġ *Moto Propio* li stabbilixxa li l-festa ta' San Ġużepp għandha tiġi ċċelebrata fit-tielet Ħadd fuq l-Għid.[39] Bejn l-1912 u l-1916 il-festa ġiet iċċelebrata f'dawn id-dati: il-Ħadd 28 ta' April 1912, il-Ħadd 13 ta' April 1913, il-Ħadd 3 ta' Mejju 1914, l-Erbgħa 21 ta' April 1915, u l-Erbgħa 10 ta'Mejju 1916. Kien ukoll iż-żmien tal-Ewwel gwerra dinija, iżda minkejja dawn id-diffikultajiet kollha l-festa ta' San Ġużepp xorta baqgħet issir. Il-festa tal-1915 saret biss fuq ġewwa u purċissjoni bir-Rużarju nhar l-Erbgħa 21 ta' April. Is-sena ta' wara 1916 il-festa ġiet iċċelebrata fl-10 ta' Mejju l-Erbgħa fuq it-tieni Ħadd tal-Għid, billi kien jum ta' xogħol, il-festa batiet ħafna. L-Arċikonfraternità talbet lill-Kapitlu tal-Katidral biex il-festa terġa' tiġi ċċelebrata fid-19 ta' Marzu u l-Kapitlu jibqa' jieħu sehem billi jiċċelebra l-festa. Din it-talba ntlaqgħet mill-Kapitlu nhar l-1 ta' Jannar 1917 u għalhekk wara nuqqas ta' 5 snin il-festa ta' San Ġużepp reġgħet ġiet iċċelebrata fid-19 ta' Marzu. Minkejja dan xorta kien għad hemm id-dell tal-gwerra u kellhom jgħaddu żewġ festi oħra sakemm il-festa setgħet tiġi ċċelebrata fil-paċi.



*Il-marċ tas-1.00 pm 1920. (ħajr Tony Terribile.)*

## Lejn il-festa tal-1914

Fl-1913 iżżanżnet l-istatwa tal-Gran Mastru L'Isle Adam xogħol Carmelo Mallia, il-Lhudi. Żgur li din l-istatwa laħqet l-aspettattiva ta' missirijietna għax ordnaw aktar statwi għandu Mallia; ta' Mosè u tal-Profeti Isaija u Ġeremija. Kien wasal iż-żmien biex Triq San Ġużepp tibda tintrama bl-armar propju tagħha. L-ewwel ma bdew kienu billi nagħlaq is-sett tal-istatwi.

Għax-xogħol kien hemm bżonn il-flus; fuq quddiem kien hemm Paolo Micallef, Gaetano Ciangura u Carmelo Borg, li ħadu ħsieb il-ġbir tal-flus u l-aktar Paolo Micallef li mexxa x-xogħol.

Paolo Micallef kien jieħu ħsieb il-ġbir bl-arbural b'lista ta' nies li kienu jagħtu sold fil-ġimgħa. Hu rnexxielu jiġbor £17.17s.5d. Gaetano Ciangura kien jagħmel il-lotteriji u bħala premju kien itella' serduq, u ġabar £6.4s.5d. Carmelo Borg għamel erba' lotteriji u ġabar £3.8s.8d. Mir-reċta li saret mill-Kumpanija Filodramatika Emanuele Vitale daħlu £3.10s, Dun Santo de Piro ta £1 għall-istatwa tal-Anġlu u mingħand il-bejjiegħa tal-ħut inġabru 7s.2d. B'kollox £32.7s.9d. magħhom żdiedu £6 li kienu mwarrbin mis-sena ta' qabel għar-restawr tal-istatwi.

L-ispejjeż kienu hekk: Carmelo Mallia tħallas £6.5s tal-istatwi ta' Isaija, Ġeremija u l-Anġlu tal-bandiera u £2 ta' Mose. Għat-trasport minn Ħal Qormi għar-Rabat intefqu £1.10s. L-injam għall-pedestalli nxtara mingħand Innocenzo Galea (travu 13s.6d.) u Francesco Muscat (tavluni tal-punent 14s.7d.), ġew irrestawrati ħames statwi tal-profeti, erba anġli u grupp ta' puttini ntefqu £4. 10s waqt li Paolo Micallef matul is-sena nefaq f'żebgħa, xorb u spejjeż oħra għar-restawr £5.16s.5d. Iż-żebgħa kienet f'idejn Michele Fsadni u Paolo Vella li tħallsu £4.12s. Sriedaq għal-lotteriji nxtraw b'£2.3s.5d. B'kollox intefqu £39.14s.5d.[40]

Din iż-żieda ta' dawn l-istatwi ġodda ġabet tibdil kif jintrama l-armar. Dawn bdew jintramaw fi triq San Ġużepp: l-istatwi ta' Isaija u Ġeremija ħdejn il-kannierja tal-Oratorju u Mosè fit-tarf tat-triq kantuniera ma' Triq San Pawl quddiem Palazzo Xara. Biex Mosè ma jitħalliex waħdu quddiemu beda jintrama s-Sultan David li sa dak iż-żmien kien jintrama fuq il-palk tal-Banda quddiem il-knisja. Għall-palk tal-banda Mallia ħadem statwa ta' Anġlu bil-bandiera. Għall-istatwa ta' Mosè nħadem ukoll pedestall pariċċ dawk ta' David.

L-aħħar opra kbira li tħejjiet għall-festa tal-1914 kienet l-istatwa monumentali tal-Papa Piju IX; rigal tal-Kan. Vinċens Vella u xogħol ta' Wistin Camilleri. Il-pedestall kien iddisinjat mill-iskultur Beniamino Tonna (ta' Nażett) li għamel l-iskultura u ħuh Francesco li ħadem ix-xogħol tal-injam. Mal-Papa nħadmu żewġ pilandri li għal dak iż-żmien ħdejn l-armar l-ieħor kienu kbar u uniċi għax jaħdmu bl-aċitelena. Dawn iż-żewġ pilandri saru prototip għall-pilandri li kellhom jinħadmu għall-Triq San Ġużepp.

## Jibda x-xogħol fuq l-armar il-ġdid

Fil-jiem tal-festa żgur li missirijietna kienu kuntenti hekk kif raw it-triq imsemmija għal San Ġużepp armata bl-istatwi ġodda u f'qalbhom u f'moħħhom tnisslet ix-xewqa li jinħadmu pilandri u trofej ġodda għal din it-triq. Id-direzzjoni ta' din il-biċċa xogħol kienet fdata f'idejn Angelo Muscat. Angelo fl-1914 kellu biss 24 sena iżda b'kuraġġ ta' sur daħal għal din il-biċċa xogħol kbira u ta' responsabiltà. Ix-xogħol ta' Muscat kien li jħejji d-disinji, jagħmel l-iskultura u jidderieġi x-xogħol l-ieħor li kien hemm bżonn li jsir mid-dilettant l-oħra.

Hekk kif għaddiet il-festa tal-1914 mill-ewwel beda x-xogħol biex issir l-armar il-ġdid. Għalkemm ma tteħditx xi deċiżjoni formali fil-konsulta tal-Arċikonfraternità, iżda jidher li beda mill-ewwel kif jidher mill-kontijiet. Ir-rendikonti tal-ġbir u l-ħruġ mhumiex iffirmati, min kitibhom kellu edukazzjoni limitata minħabba l-istil tal-kitba u l-ortografija. Iżda huma l-uniku sors ta' tagħrif ta' x'kien qiegħed isir u min kien qiegħed jaħdem. It-tagħrif li ġej huwa bbażat kollu fuqhom.

Biex ikun jista' jinħadem l-armar kompla l-ġbir biex jinxtara l-materjal u jitħallsu l-ħaddiema. Minn wara l-festa tal-1914 sa dik tal-1915 inġabru £18.11s.2d. Mill-ktieb tas-sold (1d. lanqas €0.01 tal-lum), inġabru £6.9s.7d. Mil-lotteriji li kienu jagħmlu Gejtu [Ciangura?], Ċetta u Penza [sic.] daħlu £3.15s.5d., il-premjijiet kienu jkun sriedaq u fniek. F'dik is-sena tellgħu b'lotterija 50 serduq u 3 ifniek li swew £1.6s 2d. Lotterija oħra ta' ħarufa ħalliet qligħ ta' £2.6s.1d. waqt li l-ispejjeż tagħha kienu ta' 12s biss. Il-Kan. Giuseppe Azzopardi bħala Prokuratur tal-festa ta' £1.14s.3d. L-ispiża kienet ikbar mid-dħul, intefqu £ 21.1s.5d. bl-ikbar spiża kienet ta' £7. 10s. 1d. f'injam. Inxtraw ukoll kwantità ta' ħadid, żingu u landa. L-ewwel ma bdew jaħdmu kienu Mikiel il-Ladier [sic.] 7 t'ijiem xogħol u Francesco Tonna 13-il ġurnata xogħol.



*Il-palk tal-Banda li kien jintrama fi Pjazza L'Isle Adam fl-1963.*

## Tfaqqa' l-Gwerra l-Kbira.

Kif beda x-xogħol fuq l-armar il-ġdid fl-Ewropa faqqet il-Gwerra l-Kbira fit-28 ta' Lulju 1914 l-Awstrija-Ungerija ddikjarat gwerra kontra s-Serbja. Sal-aħħar ta' Awwissu l-Ewropa kienet fi stat ta' gwerra. Malta kolonja tal-Imperu Ingliż sabet ruħha hi wkoll fi gwerra kontra l-Ġermanja u l-Awstrija-Ungerija. Malta f'dan il-konflitt ma kinitx attakata, iżda saret l-*Infermiera tal-Mediterran* billi l-midrubin tal-gwerra l-aktar dawk ta' Gallipoli bdew jinġiebu għall-kura hawn. B'kollox inġiebu aktar minn 130,000 suldat f'Malta f'temp ta' erba' snin.



*-Il-wasla tal-Kapitlu Metropolitan 1956. (ħajr Joseph Azzopardi.)*

Il-gwerra l-kbira affetwat il-Festa ta' San Ġużepp 1915 li saret biss fuq ġewwa la ma sarux festi esterni ma ntramax l-armar, iżda l-ħidma baqgħet għaddejja. Bejn l-1915 u l-1916 inġabru £ 43. 3s. 3d. Prinċipalment bl-istess sistemi ta' qabel; u xi donazzjonijiet personali. Għalkemm għall-festa ma ntramax armar iżda għall-ingress tal-isqof Caruana fl-Imdina intrama u ta' dan tħallsu £2 li marru għall-fond tal-armar il-ġdid. F'dawn is-snin jitħallas għall-ewwel darba ta' 85 ġurnata xogħol l-iskultur u disinjatur Angelo Muscat li ħa £7. 0s. 6d. Muscat kien jagħmel biss ix-xogħol tal-iskultura filwaqt li x-xogħol l-ieħor kien issir mill-mastrudaxxi Francesco Tonna, Paolo Micallef u Giuseppe Muscat li wkoll tħallsu tax-xogħol tagħhom f'dawn is-snin. F'dan iż-żmien ukoll tlestew l-ewwel żewġ pilandri li swew £5.11s 8d.

Fl-1916 il-festa ta' San Ġużepp ġiet iċċelebrata bħas-soltu. Fost donazzjonijiet ġenerużi kien hemm tal-aħwa Saċerdoti Santo u Ġużeppi de Piro, Patri Guido Micallef, Ġużeppi Pullicino u Salvatore Muscat (ta' Sofia). Ninu, Paolo Micallef, Giuseppe (Palal), Giuseppe (Penza) u Gaetano Ciangura komplew għaddejjin bil-lotteriji. Fost il-ħaddiem l-aktar wieħed li kellu xogħol kien Angelo Muscat li tħallas ta' 186 ġurnata jew £14.1s.3d. mal-mastrudaxxi żdied ukoll Domenico Micallef. Fuq ix-xogħol tal-pilandri kien hemm jaħdmu Mikiel il-Landier u Carmelo Schembri. Il-pilandri l-ġodda kienu ser jixegħlu bl-aċitelena, din kienet taħdem billi f'tank kbir mimli sa nofsu bl-ilma u tank ieħor ġo fih kontra tiegħu bil-qiegħ 'il fuq u fil-qiegħ kien ikun hemm bott imtaqqab imdendel bl-aċitelena fih imbagħad jinżel u xħin il-faħam imiss mal-ilma joħroġ il-gass li kien jintuża biex jixgħel id-dawl.

## Il-Festa lura fid-19 ta' Marzu

Fl-1917 il-festa reġgħet bdiet tiġi ċċelebrata fid-19 ta' Marzu. Pio Teuma u sħabu li kienu l-Amerika bagħtu £3.4s., mill-bilanċ tal-festa bl-approvazzjoni tal-Konsulta l-Kan. Giuseppe Azzopardi ta' £10.9s.4d., Michele Muscat (niċċu) Eduardo Camilleri (tal-Posta), Vincenzo Giordmaina, Paolo Ciangura, Giuseppe Micallef (palal) u Patri Guido Micallef taw kontribuzzjoni personali kull wieħed, waqt li Carmela Ciappara ġabret 17-il xelin mingħand xi nisa u Ninu Zahra (Ketta) u Carmelo Micallef (Zazol) komplew bil-lotteriji tal-fniek. F'dan iż-żmien beda wkoll ix-xogħol taż-żebgħa u l-induratura li sar minn Tomaso Bugeja li tħallas 7s.6d. tal-induratura ta' ħames pilastri, u x-xogħol ta' drapp fejn inxtraw id-drapp u l-ħajt u ntefqu 8 s.3d.

Fl-1918 il-festa ta' San Ġużepp reġgħet ġiet iċċelebrata bħala festa ta' praċett għad-dinja Kattolika kollha b'ordni tal-Papa Benedittu XV wara talba tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, l-aħħar festa iċċelebrata fiż-żmien il-Gwerra. Ix-xogħol kien riesaq lejn tmiemu u beda ix-xogħol taż-żebgħa, l-induratura u d-drapp. Ix-xogħol taż-żebgħa sar minn Mikiel Fsadni li tħallas £9.8s.2d. intefqu ukoll 7s.6d 5 tartal bjankett. Għall-bandalori u l-bnadar ntefqu £4.6s.10d. l-iktar fi drapp ta' kuluri differenti u rkiekel tal-ħajt. £8.4s.7d. intefqu minn Ġużeppi Micallef fi drapp.

Il-ġbir kompla għaddej Carmela Busuttil mingħand it-tfal u mingħand in-nisa ġabret £14. 5s.4d., il-Kurunell McKean ta £1, mil-lotteriji nġabru £2.13s.2d u mill-bilanċ tal-festa il-Kan. Ġużeppi Azzopardi ta' £16.1s.0d., l-Induratur Tumas Bugeja ta' b'xejn b'kemm jiswew £3.9s.6d. f'deheb u fidda, £12.17s.5d mill-Kumpanija Teatrali, £15.1s.10d. mingħand Ġużeppi Palal u Gużeppi Penza, £3.18 mingħand il-Kan. Ġużeppi Azzopardi u £4.8s.6d mingħand Ġużeppi Muscat (stozia) tal-Milizia. Inħadmet ukoll magna oħra tal-aċitelena li l-ispiża tagħha laħqet £13 9s.11d. din inbniet fil-ġnien tal-Każin L'Isle Adam li dak iż-żmien kien fi 33 Triq Santu Wistin.

### Jitlesta l-armar u l-festa tal-1919.

Iż-żmien kien qiegħed joqrob biex tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp 1919, wara erba' snin setgħet tiġi ċċelebrata fi żmien il-paċi wara li fil-11 ta' Novembru 1918 ġiet fit-tmiemha l-Ewwel Gwerra Dinija. Fis-16 ta' Frar 1919 il-Banda L'Isle Adam esegwiet programm mużikali fuq is-Saqqajja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Emanuele Bartoli, fi tmiem il-programm wasal l-Onor. E. Bonavia li għamel diskors u f'isem l-ammiraturi tal-Banda ippreżenta tazza tal-fidda, wara kien mistieden il-każin għar-riċeviment fejn kien espost wieħed mit-trofej il-ġodda li kien ser jiżżanżan ftit jiem wara, fejn kien ammirat minn kulħadd.[41]

Inħallu lil Kan. Dun Vinċens Vella jiddeskrivilna l-atmosfera ta' dik is-sena:

> *Il-ħelu Marzu beda jurina s-sbieħ ġranet tiegħu, wara dawk il-ġranet koroh tax-xitwa, l-art tiżżejjen bil-ward, il-fwieħa tal-vjoli u tal ġiżi tinxtamm bħall-aqwa profumi, l-ajru jiżżejjen b'dawl ġdid, ix-xemx tibda tferrex fuq l-art u ssaħħan il-prodotti kollha. Marzu! Kemm int ħelu sabiħ! Imma l-aktar li int ħelu sabiħ u kbir għaliex iġġibilna l-festa ta' dak li Alla għoġbu jagħżel fost il-maħluqin kollha biex ikun l-Għarus Kastissimu tal-Immakulata Ommu u Missier tal-Imħabba tiegħu stess, il-Kbir Ġużeppi!! Din il-festa ilha ssir minn sekli ta' sekli mill-Arċikonfraternità tiegħu fl-Imdina bl-aqwa solennità u devozzjoni imma din is-sena sejra issir aktar solenni u sejra tiżżanzan triq b'armar kollu ġdid fil-gostijiet tiegħu li tagħhom ħaqqu elf proset id-disinjatur Mastru Angelo Muscat u sħabu kollha.*[42]

Fil-programm tal-festa li tħabbar fuq il-Ġurnali lokali apparti li jsemmi l-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet esterni tas-soltu jsemmi ukoll l-aħbar importanti li għal din is-sena kien ser jiżżanżan armar ġdid: "*Quest'anno per la prima volta, la strada vicina alla Chiesa, sara adornata con nuovo gusto, disegno del bravo giovane maestro Angelo Muscat, per il che merita mille prosit tanto lui, quanto quei baldi giovani che lo ajutarono in questo difficile lavoro.*[43] U bil-Malti; "*[] Għall bil-lejl illuminazzjoni ġenerali u t-triq il-ġdida tkun illuminata bl-aċitelena.*

Bejn l-1914 u l-1920 inġabru b'kollox £ 237. 16s. 9d. waqt li ntefqu £242.16s.2d. Angelo Muscat kien l-aktar wieħed li ħadem u tħallas £33.9s.9d. Hu idderieġa dan il-proġett kbir, kien id-disinjatur u l-iskultur li għamel ix-xogħol kollu tal-iskultura fl-injam. Mastrudaxxi oħra li ħadmu kienu Francesco Tonna, Paolo Micallef, Domenico Micallef u Giuseppe Muscat. Ħadmu wkoll Paolo Ciangura, Tomaso Bartolo, Pietru (Lexxun), David Dingli, Ġużeppi Farrugia, Carmelo Schembri, Francesco Abela, Mikiel Fsadni u Tomaso Bugeja. Kien hemm ukoll dawn li ħietu l-bandalori u l-bnadar iżda isimhom mhux imniżżel. Kollha kemm huma ikkontribwew biex ħolqu opra kbira tal-arti ad unur u glorja tal-kbir Patrijarka San Ġużepp Patrun Universali, li kieku ma kellhomx fihom din l-imħabba sinċiera u devozzjoni lejn dan il-kbir qaddis ma kinux jaslu biex iwettqu opra kbira bħal din li għadna ngawduha u nitgħaxxqu biha sal-ġurnata tal-lum.





*Triq San Ġużepp armata qabel ma twesgħet; 1950 (ħajr Marlon Schembri.)*

### It-trofej u l-Bandalori

It-trofej huma biċċa xogħol impressjonanti ta' xogħol ta' skultura fl-injam Iz-zukklatura mhix sempliċi kaxxa imma hija mżejna bil-gwarniċi kif ukoll b'ingletaturi li jaqtgħu il-monotonija tal-panewijiet. It-tromba tat-trofej hija skulturata fl-injam forma ta' dahar tal-ħuta, b'maskarun fin-nofs. It-tromba tispiċċa bi gwarniċ wiesgħa biex fuqha jkun jista' jogħqod il-pedestall tal-arma, li

hija ċ-ċentru u l-qofol tat-trofew. Dawn l-armi huma biċċa xogħol impressjonanti ta' skultura fl-injam. Fit-tarf fuq kull naħa nsibu kornokopja jew il-qarn tal-abbundanza mimli bil-frott fit-tarf tiegħu. Dawn il-kornukopji jduru mal-iskudett tal-arma li l-isfond tagħha huma bħal tat-tromba tat-trofej jiġifieri dahar tal-ħuta li mbagħad fiċ-ċentru tagħha f'tarka ovali nsibu simbolu ta' San Ġużepp li huma: id-Dar ta' Loreto, Stella Maris, Kuruna u Xettru, Turris Davidica, IMI inkurunata, tliet ġilji u tliet iqlub. Taħt kull tarka nsibu wiċċ ta' ljun li f'ħalqu qiegħed iżomm żewġt truf tal-ħbula. L-arma hija inkurunata b'kuruna miftuħa. Mill-arma joħorġu erba' bnadar tnejn fuq kull naħa li għandhom ukoll il-labarda tagħhom skulturata fl-injam fl-istil tat-trofew. L-arblu jkompli jogħla 'l fuq u miegħu tiddendel bandalora. Il-Bandalori ta' din it-triq ifakkru seba' Papiet devoti ta' San Ġużepp li huma Ljun X, Klement X, Piju VII, Piju IX, Ljun XIII, Piju X u Benedittu XV.

L-arma tal-Papa tinsab fiċ-ċentru taħt pavaljun blu bil-ġilju lewn id-deheb. Fuq l-arma nsibu l-insinja papali; t-tjara u l-imfietaħ imsallbin. It-tiżjin madwar l-arma huwa differenti minn Papa għall-ieħor. Dan mhuwiex magħmula bl-addoċċ iżda hemm ħsieb warajh. Madwar l-arma tal-Papa Piju X insibu l-qamħ u weraq tad-dielja minħabba li San Piju X kien magħruf bħala l-Papa tal-Ewkaristija. Madwar dik tal-Papa Benedittu XV nsibu il-friegħi taż-żebbuġ simbolu tal-Paċi billi fi żmienu ntemmet l-Ewwel Gwerra Dinija u kien il-Papa renjanti meta saru l-Bandalori. Isfel insibu skrizzjoni li tfakkar il-papa fid-devozzjoni tiegħu lejn San Ġużepp. L-iskrizzjonijiet bl-Latin mirqum għall-aħħar aktarx li huma xogħol tal-Latinista magħruf Dun Giuseppe Farrugia tal-Imdina u jgħidu hekk:

LEO X P[ONTIFI].M[AX].
/ OFFICIUM S. IOSEPH
S[PONSI].B[EATAM].M[ARIÆ].V[IRGINI]. PER
UNIVERSALEM ECCLESIA EXTENDIT
Ljun X estenda l-uffiċċju ta' San Ġużepp Għarus
tal-Beata Verġni Marija għall-Knisja Universali

CLEMENS X P[ONTIFI].M[AX].
JOSEPHINORUM NOSTRUM SODALITIUM
ROMANAE S. PETRI AD VINCULA
ARCHISODALITATI SOCIAVIT.
Klement X għaqqad il-Fratellanza Ġużeppina
tagħna mal-Arċikonfraternità Rumana f'San Pietru
ad Vincula.

PIVS VII P[ONTIFI].M[AX].
FESTUM S[ANCTI]. JOSEPH
S[PONSI].B[EATAM].M[ARIÆ].V[IRGINI].
PER TOTAM ITALIAM DE PRECEPTO
DECLERAVIT
Piju VII għamel il-Festa ta' San Ġużepp Għarus
tal-Beata Verġni Marija, waħda ta' Praċett għall-
Italja kollha.

PIUS IX P[ONTIFI].M[AX]. S[ANCTI]. JOSEPH
PUERI DEI SALVATOREM CUSTODEM IN
PATRONUM ECCLESIAE UNIVERSALIS
DECLERAVIT
Piju IX iddikjara lil San Ġużepp Kustodju tal-Iben
ta' Alla s-Salvatur Patrun tal-Knisja Universali.

LEO XIII P[ONTIFI].M[AX]. S[ANCTI].
JOSEPH UNA CUM ILLO VIRGINIS
DEIPARAE PATROCINIUM PRO TEMPORE
DIFFICULTATE IMPLORAVIT.
Ljun XIII sejjaħ il-Patroċinju ta' San Ġużepp u tal-
Verġni Omm Alla fi żminijiet diffiċli.

PIUS X P[ONTIFI].M[AX].
SOLEMNITATEM S[ANCTI]. JOSEPH
S[PONSI].B[EATAM].M[ARIÆ].V[IRGINI].
CONF[ESSORIS]. ET ECC[LESIA].
UNIV[ERSALIS]. PATRONO IN PRIMAM
CLAS[SSIS]. ET OCTAVA EVULGAVIT.
Piju X għolla s-solennità ta' San Ġużepp Għarus
tal-Beata Verġni Marija Konfessur u Patrun tal-
Knisja Universali Prima Klassi u bl-Ottava.

BENEDICTUS XV P[ONTIFI].M[AX].
FESTUM S[ANCTI]. JOSEPH DIE XIX MARTII
DE PRAECEPTO PER UNIVERSALEM
ECCLESIAM SANCIVIT.
Benedittu XV reġa' għamel il-Festa ta' San Ġużepp
nhar id-19 ta' Marzu ta'[Festa] Praċett għall-Knisja
Universali kollha

Dawn il-bandalori saru mal-kumplament tal-armar u żżanżnu fl-1919 fuq id-disinn u xogħol ta' Mikiel Fsadni. 100 sena ilu dawn is-sett bandalori kien mill-aktar innovattiv fost il-festi Maltin billi f'dawk iż-żminijiet id-drapp ma kienx mogħti importanza u kien ikun sempliċi għall-aħħar, iżda dawn il-bandalori kienu mżejnin bil-pittura, għalhekk nistgħu nqisuhom bħala minn tal-bidu nett u kienu l-prekursuri li waslu biex illum naraw tant xogħol elaborat fl-armar tad-drapp fil-festi Maltin.

## Il-Pilandri

L-iskop tal-pilandri huwa li jdawlu u jżejnu t-triq. Meta wieħed iħares lejn dawn il-pilandri, mill-ewwel jiftakar f'bukkett fjuri imqiegħed



*Triq San Ġużepp fl-1963 wara li twessgħet.*

f'vażun sabiħ. Iz-zukklatura u t-tromba bħal tat-trofej l-unika differenza hija fit-tiżjin tat-tromba li hija mżejna b'maskarun li minn ħalqu ħiereġ għenqud frott. Imbagħad fuqha hemm pedestall li fuqu tistrieħ il-ġarra jew qasrija li minnha bħal siġra toħroġ il-pilandra. Dawn il-pilandri huma tal-ħadid u magħmulin minn pjanċi mmartellati, f'forom ta' weraq u fjuri. Kull pilandra fiha tliet saffi ta' fjuri, b'ħames brazzi f'kull saff. Jibdew b'ħames werqiet kbar imbagħad l-ewwel saff bil-brazzi li bejn wieħed u ieħor hu mżejjen bi fjura u hekk jibqgħu telgħin sa fuq dejjem jiċkienu ftit aktar biex il-pilandra tieħu forma piramidali u tispiċċa b'brazzi wieħed fil-quċċata. Meta saru dawn il-pilandri fl-1919 kien jixegħlu bl-aċitilena, kull brazz kellu globu mżejjen bl-imsielet tal-ħġieġ, dawn kienu jħarsu 'l fuq minħabba l-aċitelena. Kull pilandra



*Il-Marċ tas-1.00pm 1990*

kienet imqabbda mal-oħra u kollha flimkien kienu kkummnikati mal-magna tal-aċitelena li kienet taħdem b'reazzjoni kimika li mill-gass li kien joħroġ minnha kienu jinxtegħlu l-pilandri.

## Għeluq

Wara 175 sena mit-twaqqif tagħha l-Procura dell'Illuminazione għadha taqdi l-iskop li għalih twaqqfet skont iċ-ċirkustanzi tal-lum. Jalla dak kollu li ħadmu għalih ta' qabilna nibqgħu ngħożżuh biex inħalluh aħjar milli sibnieh aħna għal ta' warajna.

## Referenzi

[1] Arkivju Arċikonfraternità ta' San Ġużepp Rabat, Officiali dal' 1718, m.p. .

[2] Ibid.

[3] A.A.S.Ġ.R.,*Libro delle Consulte dal 1843 al 1864, f 15-v.*

[4] A.A.S.Ġ.R., *Conti e Ricevi appartenenti alla Veneranda Arciconfraternità di San Giuseppe del Rabato della Notabile*, m. p. .

[5] Ibid.

[6] Għall-aktar tagħrif ara; Debono, Jeremy, *L-Ark Trijonfali fl-istorja ta' Malat u l-Festa ta' San Ġużepp,* Bestprint,2015.

[7] L'Ordine, 27 Marzo 1857.

[8] A.A.S.Ġ.R., Libro D Consulte dal 1843 al 1864, f. 125 v. Di Affittare le tazze bianche e colorite e le sole bozze bianche ordinare ed il profitto convertirlo in compera di altri simili cristalli, di fare delle bandiere sotto alberano, di poter rinnovare l'Arco piccolo abbisognando anche di formare un' alberano.

[9] Ibid., f. 130. Hanno permesso ai procuratore dell'Illuminazione dopo loro domanda di poter per mezzo di alberano raccoglierew denaro de convertirsi nella spesa dell'ornamento di ferro con stemme e trofei che si stanno facendo ben intense pero ch detti Procuratori prima che sara messo nel suo luogo detto ornamenti ed altro dovranno presentare in Consulte documenti giustificanti il suo pagamento.

[10] Ibid., f. 137v. Hanno escluso di voce attiva e passive in qualità di Consodale di questa Veneranda Arciconfraternità a Mro Fortunato Gauci e cio finche dara conto e sodisfera il risultato debito per ragione delle raccolta dell'medesimo fatte per le contribuzione della nuova piramida per la banda musicale e non altrimenti.

[11] Il-Ġurnal Malti, 30 ta' Marzu 1865.

[12] Inno / Cantato con musica del Professore F[elice]. Leonardis / nella Piazza / innanzi alla Chiesa dei RR. PP. Minori Osservanti; / la sera del 18 marzo vigilia del Glorioso / Patriarca San Giuseppe / Scritto dal Revmo. Sacerdote Dr. Giuseppe Zammit.

[13] Il Portafoglio Maltese, 24 Marzu 1866.

[14] A.A.S.Ġ.R., *Libro Consulte dall'anno 1866 al 1915,* f. 3-3v.

[15] Corriere Mercantile Maltese 24 Marzo 1871.

[16] Dan l-irċevuti kienu kollha imremblin magħluqin bi spagau mqgħedin f'kaxxa tal-injam li kienet fl-Arkivju tal-Arċikonfraternità. Kien f'Awwissu 2012 li dawn l-irċevuti instabu waqt li kien qiegħed jiġi organizzat l-arkivju mill-Awtur. Aktarx li din kienet l-ewwel darba li infetħu wara li ingħalqu mill-Prokuratur Paolo Farrugia aktar minn 100 sena qabel. Wara ġew organizzati wara xulxin kronoloġikament u studjati.

[17] A.A.S.Ġ.R., irċevuta datata; Rabato 1o Guignio 1874.

[18] Corriere Mercantile Maltese 21 Marzu 1876

[19] A.A.S.Ġ.R., irċevuta bid-data 25 Gennaro 1875.
[20] Ibid., Conto di Carmelo Debono del Zebbug.
[21] Corriere Mercantile Maltese, 24 Marzo 1876
[22] A.A.S.Ġ.R., talba għall-permess bid-data 21 Febbrajo 1881.
[23] Il-Ħabbar Malti … ta' marzu 1880
[24] Il-Ħabbar Malti … ta' Marzu 1881
[25] Risorgimento, 22 ta' Marzu 1882.
[26] A. A. S. Ġ. R., talba għall-permess bid-data 8 Marzo 1883.
[27] Malta 21 ta' Marzu 1884.
[28] Il-Ħabbar Malti, 7 ta' Marzu 1885.
[29] A.A.S.Ġ.R., irċevuta ffirmata mill-mastrudaxxa Francesco Muscat.
[30] Ibid., Conto di Salvatore Camilleri bid-data 5 April 1891 u Conto di Giuseppe Refalo 26 April 1891.
[31] Ibid., Irċevuta 29 Aprile 1884.
[32] Ibid., Irċevuta 23 Agosto 1896.
[33] Ibid., Irċevuta 25 Dicembre 1896.
[34] Ibid., Irċevuta 8 Marzo 1898.
[35] Ibid., Irċevuta 23 Febbrajo 1898.
[36] Ibid., Irċevuta 20 Febbrajo 1898.
[37] Malta, 21 ta' Marzu 1899.
[38] L-awtur preżenti jattribwihom lill-Iskultur Rabti Fortunato Falzon.
[39] A.A.S.Ġ.R, *Libro E*, f. 116v – 117v.
[40] A.A.S.G.R., Rendiconto degli introiti ed esiti incorsi durante l'anno 1914 da Paolo Micallef, Gaetano Giangura e Carmelo Borg.
[41] Malta Tagħna, 8 ta' Marzu 1919.
[42] Ibid.
[43] Malta, 13 ta' Marzu 1919.





